MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 1133/2013

**240 LIMITED**

vs

**ONTARIO SPORT LIMITED,** kumpannija reġistrata ġewwa l-Bulgarija (Nru. Reġ. UIC201607820)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fis-27 ta’ Novembru, 2013 li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra s-soċjeta rikorrenti, talbet li din il-Qorti:

(a) ssib li l-kumpannija barranija mħarrka għandha tagħti lill-kumpannija attriċi s-somma ta’ disgħa u tletin elf, erba’ mija u tletin euro (€39,430), li għal tmintax-il elf euro

(€18,000) minnhom jirrapreżentaw il-bilanċ li għad fadal mix-xogħlijiet appaltati miftehma bejn il-partijiet fil-kuntratt tas-7 ta' Marzu, 2013, u li għal wieħed u għoxrin elf erba' mija u tletin euro (€21,430) jirrapreżentaw spejjez maħluqa bid-dewmien tal-kumpannija mħarrka jew terzi mqabbdin minnha; u

(b) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallasha s-somma ta' disgħa u tletin elf, erba' mija u tletin euro (€39,430). Talbet ukoll il-ħlas tal-imgħax legali u l-ispejjez tal-kawża;

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lis-soċjeta intimata skond ir-Regolament Komunitarju relativ, u li din naqset li tippreżenta risposta fiżżmien mogħti lilha mil-liġi u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet id-dikjarazzjoni ta' rappreżentant tas-soċjeta rikorrenti;

Semgħet l-avukat tas-soċjeta rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati.

Fil-kontumaċja tas-soċjeta intimata tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta rikorrenti kif dedotti fir-Rikors Maħluf, u ssib li l-kumpannija mħarrka għandha tagħti lill-kumpannija attriċi disgħa u tletin elf, erba' mija u tletin ewro (€39,430), rappreżentanti l-bilanċ mis-somma kuntrattata u spejjez għal dewmien, kif fuq imfisser; u tilqa' it-tieni talba billi tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' disgħa u tletin elf, erba' mija u tletin ewro (€39,430) flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mis-27 ta' Novembru, 2013, sal-jum tal-ħlas effettiv. Tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas ukoll l-ispejjez tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------